GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
AĠENZIJA GĦALL-PAGAMENTI AGRIKOLI U RURALI

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET
ID-DIVIŻJONI GĦALL-FONDI U PROGRAMMI

# LINJI GWIDA GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI 2023-2027

Verżjoni 6.9

Maħruġ mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)

Validu minn 2023 sa 2027

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

**t**: +356 2292 6148
**e**: arpa.mafa@gov.mt **w**: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

# Werrej

Introduzzjoni 5
Bażi Legali 5
**PARTI I - Responsabbiltajiet ta' kull Awtorità 6**
Suġġetti Involuti fil-pagament tal-għajnuna 6
Il-fluss maniġerjali u responsabbiltajiet relattivi għas-sottomissjoni ta' Talbiet 7
**PARTI II - Għajnuna Relatata mal-Iskemi ta' Pagamenti Diretti 8**
1. Introduzzjoni 8
2. Definizzjonijiet 8
Appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà (BISS) 9
BISS – Kriterji tal-Eliġibbiltà 9
BISS – Kalkolu tar-rata ta' pagament 9
Pagament għall-Bdiewa b'Ażjenda Agrikola Żgħira (PSF) 10
PSF – Kriterji tal-Eliġibbiltà 10
PSF – Kalkolu tar-rata ta' pagament 10
Appoġġ Komplementari għall-Introjtu għall-Bdiewa Żgħażagħ (CISYF) 11
CISYF – Kriterji tal-Eliġibbiltà 11
CISYF – Kalkolu tar-rata ta' pagament 11
Eko-skema 1 – Id-dedikazzjoni ta' rqajja' tal-art għat-titjib tal-bijodiversità u d-dakkir (ES 1) 13
ES 1– Kriterji tal-Eliġibbiltà 13
ES 1 – Impenji 13
ES 1– Kalkolu tar-rata ta' pagament 13
REFERENZI REGOLATORJI U BAŻI LEGALI GĦALL-ES1 14
Eko-skema 2 – Ġestjoni Integrata tal-Pesti 15
ES 2– Kriterji tal-Eliġibbiltà 15
ES 2 – Impenji 15
ES 2– Kalkolu tar-rata ta' pagament 16
REFERENZI REGOLATORJI GĦALL-ISKEMA ES2 16
Ekoskema 3 – Jitħeġġeġ l-Użu tal-Mulch bijodegradabbli 18
ES 3 – Kriterji tal-Eliġibbiltà 18
ES 3 – Impenji 18
ES 3 – Kalkolu tar-rata ta' pagament 18
Eko – Skema 4 MSS- Ħsad bikri ta' meded ta' aktar minn speċi waħda 20
ES 4 – Kriterji ta' Eliġibilità: 20
ES 4 – Impenji: 20
ES 4 – Kalkolu tar-rata ta' pagament 20
REFERENZI REGOLATORJI U BAŻI LEGALI GĦAL ES4 21
Ekoskema 5 – (NPE) - Raba' li Jinħadem għal Elementi mhux Produttivi 21
ES 5 – Kriterji ta' Eliġibilità: 21
ES 5 – Impenji: 21
ES 5 – Kalkolu tar-rata ta' pagament 22
Ekoskema 6 – (CPM) - Eko-Skema CPM - Materjal ta' propagazzjoni ċċertifikat reżistenti għall-patoġeni u kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba' jew varjetajiet ta' pjanti b'inqas domanda għall-ilma 23
ES 6 – Kriterji ta' Eliġibilità: 23
ES 6 – Impenji: 23
ES 6 – Kalkolu tar-rata ta' pagament 24
DP ECO-BDW - (Eko-Skema BDW: Benesseri għall-Baqar tal-Ħalib) 25
Kriterji ta' eliġibilità 26
Rata ta' Ħlas 26

DP ECO-SGW – (Eko-Skema SGW: Benesseri għan-Nagħaġ u Mogħoż) 27
Kriterji ta' eliġibilità 27
Rata ta’ Ħlas 28
ES kompatibbli mal-AECCs (Impenji Agri-Ambjentali-Klimatiċi 28
Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu (CIS) 30
Miżura għas-Settur tal-Ħalib (CIS M1) 31
CIS M1– Kriterji tal-Eliġibbiltà 31
CIS M1– Kalkolu tar-rata ta’ pagament 31
Is-Settur taċ-Ċanga (CIS M2) 33
CIS M2– Kriterji tal-Eliġibbiltà 33
CIS M2– Kalkolu tar-rata ta’ pagament 33
Is-settur tan-nagħaġ (CIS M3) 34
CIS M3– Kriterji tal-Eliġibbiltà 34
CIS M3– Kalkolu tar-rata ta’ pagament 34
Tadam għall-ipproċessar (CIS M4) 35
CIS M4– Kriterji tal-Eliġibbiltà 35
CIS M4– Kalkolu tar-rata ta’ pagament 35
**PARTI III - Il-Proċeduri Operazzjonali 36**
Proċeduri Ġenerali għall-applikazzjoni għall-għajnuna 36
Sottomissjoni ta’ applikazzjonijiet għall-għajnuna għal talbiet għal pagament u sottomissjonijiet tard 36
Verifika tad-dokumentazzjoni ta’ sostenn mill-uffiċċji responsabbli għall-awtorizzazzjoni 36
Verifiki Amministrattivi tal-applikazzjonijiet 36
Verifiki Amministrattivi addizzjonali 38
Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu (BISS) 38
Kontrolli 38
**Kalkolu tal-Pagamenti 39**
Stabbiliment tal-Erja għall-pagament 39
Kalkolu tal-bhejjem għall-pagamenti 39
**Kalkolu tal-Penalitajiet 40**
Kalkolu ta’ Eżiti relatati mal-Erja 40
Kalkolu ta’ eżiti tad-Dikjarazzjoni tal-Bhejjem 41
Kalkolu ta’ Penalitajiet tal-Lista tal-Verifiki 41
Sottomissjoni tard Ta’ Talbiet għal Pagament 42
Nuqqas ta’ Dikjarazzjoni ta’ art Agrikola 43
Penalitajiet relatati mal-Kundizzjonalità għal dik is-Sena tat-Talba 43
Penalitajiet relatati mal-Kundizzjonalità li jaffettwaw is-Snin ta’ Talbiet preċedenti 44
Penalitajiet relatati mal-Kundizzjonalità Soċjali 45
Penalitajiet relatati mal-Kundizzjonalità soċjali li jaffettwaw is-Snin ta’ Talbiet preċedenti 45
Każijiet fejn l-ebda penali ma għandha tiġi imposta 45
Ġestjoni ta’ impenji pluriennali 46
(Impennji ta’ iktar min-sena waħda) 46
Rimborż tal-approprjazzjonijiet (Pagament ta’ Dixxiplina Finanzjarja) 48
**Anness I: Lista ta’ speċi tal-pjanti relatati mal-Eko-Skema dwar id-dakkir 50**
**Anness II: Dikjarazzjoni fuq l-Iskema tal-Bdiewa Żgħar 51**
**ANNESS III LISTA TA' SPEĊI TA' PJANTI RELATATI MA' EKO SKEMI DWAR MATERJAL TA' PROPAGAZZJONI ĊERTIFIKAT: 53**

**t:** +356 2292 6148
**e:** arpa.mafa@gov.mt **w:** www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

## INTRODUZZJONI

L-iskop ta' dawn il-linji gwida huwa sabiex jiddefinixxi l-implimentazzjoni tal-Għajnuna Diretta u jinkludi: il-ġestjoni ta', u l-verifiki amministrattivi fuq applikazzjonijiet, verifiki amministrattivi fuq formoli tal-applikazzjonijiet (qabel u wara li jintbagħtu l-applikazzjonijiet mimlijin minn qabel) u l-awtorizzazzjoni tal-proċedura ta' pagament għall-Iskema ta' Pagament Dirett.

Dan id-dokument għandu jiġi rivedut u aġġornat kontinwament sabiex ikun konformi bis-sħiħ mar-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea (UE) u dokumenti ta' gwida rilevanti maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea.

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) ma tistax tinżamm responsabbli għal xi danni relatati ma' bidliet li għandhom isiru fil-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). L-informazzjoni u r-rati ta' ħlas inklużi huma soġġetti għal bidliet.

## BAŻI LEGALI

- Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013.
- Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013.
- Regolament ta' Implimentazzjoni Tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173 tal-31 ta' Mejju 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-Politika Agrikola Komuni.
- Regolament Delegat Tal-Kummissjoni (UE) 2022/1172 tal-4 ta' Mejju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tassistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-politika agrikola komuni u l-applikazzjoni u l-kalkolu ta' penali amministrattivi għall-kundizzjonalità.
- L-atti ta' implimentazzjoni/delegati l-oħrajn kollha maħruġa permezz tal-awtorizzazzjonijiet tal-atti leġiżlattivi msemmija hawn fuq.
- Pjan Strateġiku tal-PAK għal Malta.

# PARTI I - Responsabbiltajiet ta' kull Awtorità

## SUĠĠETTI INVOLUTI FIL-PAGAMENT TAL-GĦAJNUNA

Il-ġestjoni tal-pagamenti fil-miżuri relatati mal-art tirrikjedi l-involviment tas-suġġetti istituzzjonalizzati li ġejjin:

- **Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali** (MAFA): Kif maħtur fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-MAFA għandu jkun responsabbli għall-programm nazzjonali rigward l-Iskemi ta' Pagamenti Diretti.
- **L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) tal-MAFA**: għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Iskemi ta' Pagamenti Diretti. Barra minn hekk, l-ARPA għandha tkun il-korp responsabbli għall-ġestjoni tad-*data* integrata kollha fis-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS - *Integrated Administration and Control System*) b'relazzjoni mal-għajnuna (ġabra u żamma ta' *data* relatata mal-artijiet) u l-ġestjoni ta' impenji pluriennali taħt l-Eko-Skemi.

**Id-diviżjonijiet ta' hawn taħt fi ħdan l-ARPA ser ikunu responsabbli għall-kompiti li ġejjin:**

- **Unità A1 Il-Front Office:** ser tirċievi u tipproċessa t-talbiet kollha, twettaq il-verifiki amministrattivi inizjali u tinteraġixxi direttament mal-klijenti fejn tiżgura li l-applikazzjonijiet sottomessi u d-dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti huma tajbin u kompluti.
- **Unità C1 Skemi IACS ta' Awtorizzazzjoni:** ser tkun responsabbli għall-kordinazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' pagamenti taħt l-interventi ta' Pagamenti Diretti.
- **Unità C3.1 L-Unità ta' Kontroll (Kontrolli IACS u mhux IACS):** ser tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll għall-Pagamenti Diretti, twettaq verifiki fuq il-post/*remote sensing*/monitoraġġ (kif applikabbli) u tirreġistra r-riżultati ta' dawn il-kontrolli fis-sistema ta' kontroll fuq is-SITIAgri.
- **Unità C3.2 It-tim tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS):** ser tkun responsabbli għall-ġestjoni u ż-żamma tad-*data* ġeografika kollha meħtieġa fi ħdan l-LPIS.
- **Unità C4 L-Unità tal-Pagamenti:** ser tkun responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-pagament wara l-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti u l-monitoraġġ tal-previżjonijiet baġitarji tal-iskema fis-Sistema tal-Amministrazzjoni u l-Informazzjoni ta' Pagamenti (PAMS - *Payments Administration and Information System*).
- **Unità C5 L-Unità tal-Kontijiet:** ser tkun responsabbli għat-twassil u l-kordinazzjoni tal-oqsma X/I biex jintużaw fil-fajls tal-pagamenti, għall-ġestjoni tad-dejn u r-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet fil-kotba tal-Kontabilità tal-ARPA u r-rapportar tar-rapporti ta' rutina dwar l-infiq.
- **Id-Direttorat tar-Regolamentazzjoni Veterinarja (VRD):** ser ikun l-awtorità responsabbli għaż-żamma u l-aġġornament tal-Bażi tad-Data Nazzjonali tal-Bhejjem (NLD), konformi mar-regoli kollha tal-Unjoni Ewropea relatati mas-settur tal-Bhejjem u l-Avviżi Legali Nazzjonali.

## IL-FLUSS MANIĠERJALI U RESPONSABBILTAJIET RELATTIVI GĦAS-SOTTOMISSJONI TA' TALBIET

Kull sena l-ARPA tiftaħ perjodi ta' żmien qosra biex il-bdiewa jkun jistgħu jissottomettu kwalunkwe bidla fl-ażjenda tagħhom li ser tirrifletti fuq l-applikazzjoni għall-Pagamenti Diretti. Kull sena l-applikazzjoni ser tkun ibbażata fuq is-sena preċedenti, għaldaqstant f'każ ta' bidliet, il-bdiewa jridu jinfurmaw lill-ARPA biex taġġorna l-LPIS (Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art) biex jiġu evitati penalitajiet mhux neċessarji. Matul dawn il-perjodi, il-bdiewa jistgħu wkoll jesprimu l-interess tagħhom biex japplikaw għal interventi speċifiċi; l-ARPA tiddetermina jekk tali bdiewa jkunux eliġibbli biex jibbenefikaw mill-interventi indikati u tiżgura li jkunu riflessi fl-applikazzjonijiet mimlijin minn qabel.

# PARTI II - Għajnuna Relatata mal-Iskemi ta' Pagamenti Diretti

## 1. Introduzzjoni

Malta se tkun qed timplimenta l-iskemi li ġejjin biex tappoġġja lill-bdiewa b'azjendi li jappartjenu fihom

l-ambitu territorjali ta' Malta taħt il-Pagamenti Diretti:

- Appoġġ tad-Dħul Bażiku għas-Sostenibbiltà (BISS)
- Ħlas għal Bdiewa Żgħar (PSF)
- Appoġġ Kumplimentari għad-Dħul għal Bdiewa Żgħażagħ (CISYF)
- Ekoskema 1 – Id-dedikazzjoni tal-ħbula għat-titjib tal-bijodiversità u d-dakkir
- Ekoskema 2 – Ġestjoni Integrata ta' Pesti
- Ekoskema 3 – Użu ta' Mulch Bijodegradabbli
- Ekoskema 4 – MSS – Ħsad bikri ta' swards ta' diversi speċi
- Ekoskema 5 – NPE – Art li tinħarat għal elementi mhux produttivi
- Ekoskema 6 – CPM – Materjal ta' propagazzjoni ċċertifikat reżistenti għall-patoġeni u kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba'

jew varjetajiet ta 'pjanti b'inqas domanda għal

- Miżura ta' Appoġġ tad-Dħul Akkoppjat 1 (CIS Dairy)
- Miżura ta' Appoġġ tad-Dħul Akkoppjat 2 (Ċanga CIS)
- Miżura ta' Appoġġ ta' Dħul Akkoppjat 3 (Nagħaġ CIS)
- Miżura ta' Appoġġ tad-Dħul Akkoppjat 4 (CIS Tomatoes)

## 2. Definizzjonijiet

Id-definizzjonijiet ipprovduti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK japplika f'dan id-dokument intier fi ħdan it-tifsira pprovduta fih.

## 3. Interventi tal-Pagamenti Diretti

## Appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà (BISS)

Mill-2023 Malta ser tieqaf tuża l-intitolamenti tal-pagamenti allokati għall-Appoġġ Bażiku għall-Introjtu. F'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 2115/2021, Malta ser tħallas rata uniformi għal kull Ettaru lill-bdiewa kollha għall-erjas eliġibbli kollha f'Malta, għaldaqstant il-BISS mhux ser ikun ibbażat fuq l-intitolamenti tal-pagamenti. L-erjas eliġibbli huma ddeterminati mil-LPIS.

### BISS – Kriterji tal-Eliġibbiltà

Il-bdiewa li japplikaw biex jirċievu l-għajnuna taħt il-BISS għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti obbligatorji bażiċi hekk kif ġej:

a) Ikunu konformi mad-definizzjoni ta' bidwi attiv kif definit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK;
b) Irid ikollhom ażjenda totali minima ta' 0.3 Ettaru (Ha) ta' erja agrikola eliġibbli;
c) Għal kull għalqa, l-erja minima hija ta' 0.01 Ha;
d) L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sad-dati ta' skadenza kif stabbiliti mill-ARPA;
e) Iridu jkunu rreġistrati fil-Reġistru tal-Bdiewa tal-IACS kif miżmum mill-ARPA u r-Reġistru tan-Nitrati kif miżmum mid-Direttorat tal-Agrikoltura meta japplikaw;
f) L-ettari eliġibbli kollha kklejmjati għandhom ikunu indikati b'mod mhux ambigwu fuq is-sit u permezz ta' immaġnijiet tas-satellita u rreġistrati mal-ARPA meta japplikaw;
g) L-ażjenda li dwarha tiġi sottomessa l-applikazzjoni għandha tkun f'Malta;
h) L-applikanti għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet agrikoli obbligatorji standard u għaldaqstant għandhom ikunu jistgħu jipprovdu rekords tal-azzjonijiet tagħhom.

### BISS – Kalkolu tar-rata ta' pagament

- Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2023 – €475.20
- Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2023 – €844.34
- Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €417.46
- Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €695.76
- Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2025 – €375.83
- Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2025 – €601.34
- Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2026 – €375.83
- Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2026 – €576.28
- Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2027 – €40.75
- Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2027 – €62.49

## Pagament għall-Bdiewa b'Ażjenda Agrikola Żgħira (PSF)

Mill-2023, Malta ser tipprovdi din l-iskema volontarja li taħtha bdiewa b'ażjenda agrikola żgħira jistgħu jitħallsu pagament ta' somma f'daqqa ta' €250 fis-sena. Din l-iskema tissostitwixxi l-interventi ta' Pagamenti Diretti kollha; għal dan il-għan, il-bdiewa li jagħżlu li japplikaw għal dan l-intervent ma jibbenefikawx mill-interventi l-oħrajn ta' Pagamenti Diretti.

Il-bdiewa li japplikaw għal dan l-intervent jistgħu jagħżlu li ma jeħdux sehem f'din l-iskema billi jinformaw lill-ARPA bil-miktub permezz tal-formola fl-Anness II, matul il-perjodu għat-talbiet kif stabbilit mill-ARPA.

### PSF – Kriterji tal-Eliġibbiltà

Il-bdiewa li japplikaw biex jirċievu l-għajnuna taħt il-PSF għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti obbligatorji bażiċi hekk kif ġej:

a) Irid ikollhom minimu ta' 0.3 Ha ta' erja agrikola eliġibbli; u fil-każ tal-pagament għall-bdiewa b'ażjenda agrikola żgħira, il-bdiewa attivi ma jistax ikollhom aktar minn 1 Ha eliġibbli ddikjarat taħt isimhom;
b) Għal kull għalqa, l-erja minima hija ta' 0.01 Ha;
c) Ikunu konformi mad-definizzjoni ta' bidwi attiv kif definit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK;
d) L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sad-dati ta' skadenza kif stabbiliti mill-ARPA;
e) Bdiewa attivi jridu jkunu rreġistrati fil-Reġistru tal-Bdiewa tal-IACS kif miżmum mill-ARPA u r-Reġistru tan-Nitrati kif miżmum mid-Direttorat tal-Agrikoltura meta japplikaw;
f) L-ettari eliġibbli kollha kklejmjati għandhom ikunu indikati b'mod mhux ambigwu fuq is-sit u permezz ta' immaġnijiet tas-satellita u rreġistrati mal-ARPA meta japplikaw;
g) L-ażjenda li dwarha tiġi sottomessa l-applikazzjoni għandha tkun f'Malta.
h) Il-bidwi attiv ma jkunx volontarjament ħareġ mill-iskema.

### PSF – Kalkolu tar-Rata ta' Pagament

L-applikanti eliġibbli jitħallsu pagament ta' somma f'daqqa ta' €250 fis-sena. Bdiewa b'erja ddeterminata ta' inqas minn 0.3 Ha ser ikunu meqjusa mhux eliġibbli għall-pagament. Bdiewa b'erja ddeterminata li taqbeż 1 Ha ser ikunu meqjusa mhux eliġibbli għall-pagament ukoll.

## Appoġġ Komplementari għall-Introjtu għall-Bdiewa Żgħażagħ (CISYF)

L-Appoġġ Komplementari għall-Introjtu għal Bdiewa Żgħażagħ ser jitħallas permezz ta' rata fissa għal kull ettaru, bħala pagament supplimentari għall-pagament tal-Appoġġ Bażiku għall-Introjtu għas-Sostenibbiltà u huwa pagabbli lil bdiewa żgħażagħ li għadhom kif ġew stabbiliti u li huma konformi mal-Kundizzjonijiet tal-Eliġibbiltà spjegati taħt dan l-intervent.

L-appoġġ ser jiġi pprovdut jew:

- għal ħames (5) snin mill-ewwel sena tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal dan l-intervent;
- jew fil-każ ta' dawk li diġà jirċievu appoġġ taħt l-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għall-kumplament tal-perjodu ta' ħames (5) snin mill-ewwel sena tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni;
- jew ħames snin mill-ewwel sena tar-reġistrazzjoni tal-ażjenda fir-Reġistru tan-Nitrati; skont liema jiġi l-ewwel.
- U l-benefiċjarju għandu jkun ta' jew taħt l-età ta' 40 sena biex ikun eliġibbli

## CISYF – Kriterji tal-Eliġibbiltà

Benefiċjarji eliġibbli jridu jkunu konformi mal-kriterji tal-eliġibbiltà li ġejjin:

a. Ikunu konformi mad-definizzjoni ta' bidwi attiv kif definit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK;
b. Ikunu konformi mad-definizzjoni ta' bdiewa żgħażagħ li għadhom kif ġew stabbiliti għall-ewwel darba kif definit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK; ("Għadhom kif ġew stabbiliti għall-ewwel darba" tirreferi biss għall-bdiewa li rreġistraw l-ażjenda tagħhom fir-Reġistru tan-Nitrati fl-aħħar 5 snin fid-data tal-għeluq tal-kampanja tal-applikazzjoni);
c. Ikunu konformi mad-definizzjoni ta' "kap tal-ażjenda" għall-ewwel darba kif definit fil-Pjan;
d. Għal kull għalqa, l-erja minima hija ta' 0.01 Ha;
e. Irid ikollhom ażjenda totali minima ta' 0.3 Ha ta' erja agrikola eliġibbli;
f. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sad-dati ta' skadenza kif stabbiliti mill-ARPA;
g. L-ettari eliġibbli kollha kklejmjati għandhom ikunu indikati b'mod mhux ambigwu fuq is-sit u permezz ta' immaġnijiet tas-satellita u rreġistrati mal-ARPA meta japplikaw;
h. Dawk li diġà jirċievu appoġġ taħt l-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma eliġibbli għal appoġġ għall-kumplament tal-perjodu ta' ħames (5) snin mill-ewwel sena tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.
i. Taħriġ xieraq u/jew ħiliet meħtieġa:
   I. Ċertifikazzjoni ta' parteċipazzjoni f'taħriġ rilevanti fil-qasam tal-agrikoltura jew f'oqsma oħra li huma rilevanti għall-intrapriżi agrikoli; jew
   II. Il-bdiewa żgħażagħ potenzjalment eliġibbli jridu jkunu attendew taħriġ dwar ir-regoli u r-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonalità u għall-kundizzjonalità soċjali mill-1 ta' Jannar 2025 sakemm ma jiġux introdotti qabel.

## CISYF – Kalkolu tar-Rata ta' Pagament

• Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2023 – €520.64

• Rata massima stabbilita fil-PAK SP 2023 – €560.00

• Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2024 – € 520.64

- Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €700.00
- Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2025 – € 520.64
- Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2025 – €672.00
- Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2026 – € 520.64
- Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2026 – €644.00
- Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2027 – €70.00
- Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2027 – €92.00Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2027: €80.00

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament supplimentari annwali addizzjonali għal kul ettaru eliġibbli.

## Eko-skema 1 – Id-dedikazzjoni ta' rqajja' tal-art għat-titjib tal-bijodiversità u d-dakkir (ES 1)

Il-benefiċjarji jridu jagħmlu impenn li jiddedikaw żona sħiħa ta' tal-inqas għalqa waħda sħieħa għall-bijodiversità għal 3 snin billi joqogħdu lura milli jikkultivaw l-art għall-produzzjoni tal-għelejjel u mingħajr ma jintużaw Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (PPP), inklużi l-fertilizzanti. L-iskema ser tikkumpensa lill-bdiewa li jiddeċiedu li jċedu l-introjtu tagħhom fuq dawn l-għelieqi waqt li jikkultivaw pjanti ta' valur ekoloġiku għoli f'dik ir-roqgħa.

### ES 1– Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Bdiewa eliġibbli għall-BISS;
- għelieqi impenjati jrid ikollhom tal-inqas erja eliġibbli totali ta' 0.04 Ha matul il-perjodu tal-impenn;
- Fil-livell ta' impenn, l-erja minima trid tkun tal-inqas 0.04 Ha;
- Il-bidwi jrid jiddikjara l-ispeċi tal-pjanta fil-pjan tal-għelejjel diġitali tal-IACS;
- L-applikazzjoni ma tistax tiġi sottomessa sakemm il-bidwi ma jindikax tal-inqas 3 mill-pjanti elenkati fl-Anness II fil-pjan tal-għelejjel.

### ES 1 – Impenji

- L-ebda Prodott tal-Protezzjoni tal-Pjanti jew fertilizzant ma jista' jintuża;
- L-Erja eliġibbli sħiħa tal-għelieqi impenjati fl-ażjenda ddedikati għall-bijodiversità għal tal-inqas 3 snin;
- L-Erja eliġibbli sħiħa tar-roqgħa trid tkun miżrugħa bl-ispeċi tal-pjanti elenkati fl-Anness II;
- L-applikazzjoni ma tistax tiġi sottomessa sakemm il-bidwi ma jindikax tal-inqas 3 mill-pjanti elenkati fl-Anness II fil-pjan tal-għelejjel. Kull pjanta trid tkopri tal-inqas 10% tal-Erja eliġibbli;
- Il-bidwi jrid itella' ritratti permezz tal-*mobile app* tal-ARPA, il-BiedjaCam, kull sena bħala evidenza tal-aderenza mal-impenji taħt l-iskema;
- L-għalqa trid tinżamm taħt attività agrikola minima annwali.

### ES 1– Kalkolu tar-rata ta' pagament

- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2023 – €1,700.00
- • Rata massima stabbilita fil-PAK SP 2023 – €2,500.00
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €1,700.00
- • Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €3,036.00
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2025 – €1,700.00
- • Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2025 – €3,036.00
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2026 – €1,700.00
- • Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2026 – €3,036.00
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2027 – €1,100.00

• Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2027 – €1,335.84L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli kopert mill-impenn.

**REFERENZI REGOLATORJI U BAŻI LEGALI GĦALL-ES1**

Direttiva 2000/60/KE

Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE

Direttiva 2009/1147/KE

Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE

Regolament (KE) Nru 178/2002

Regolament (KE) Nru 1107/2009

Direttiva 2009/128/KE

AL 345 tal-2015

SL 549.66

SL 549.25

SL 549.42

SL 549.44

Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel 2002

SL 430.07

AL 284 tal-2011

SL 430.08

AL 489 tal-2011

## Eko-skema 2 – Ġestjoni Integrata tal-Pesti

Bdiewa taħt din l-iskema ser jintalbu biex isegwu approċċ integrat fl-attività agrikola tagħhom, li tinkorpora prattiki agronomiċi varji, il-monitoraġġ permezz ta' għarfien aħjar u l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet immirati għal problemi speċifiċi.

## ES 2– Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Bdiewa eliġibbli għall-BISS;
- Għelieqi impenjati jrid ikollhom tal-inqas erja eliġibbli totali ta' 0.04 Ha matul il-perjodu tal-impenn;
- Fil-livell tal-impenn, l-erja minima hija ta' 0.04 Ha;
- Il-bidwi jrid jipprovdi pjan għall-ġestjoni integrata tal-pesti (IPMP) maħruġ minn servizz ta' konsulenza tal-Biedja rikonoxxut skont l-AL 99 tal-2019 jew minn konsulent kompetenti kif approvat mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti;
- L-IPMP irid ikun konformi mal-linji gwidi maħruġa mid-Direttorat tal-Agrikoltura u għandu jinkludi tal-inqas 3 mit-tekniki li ġejjin:
  - Prattiki agrikoli li jistgħu jgħinu fil-prevenzjoni ta' żieda gradwali ta' pesti (eż. metodi taż-żbir u tal-ħdim tar-raba')
  - Miżuri sanitarji fl-għelieqi u miżuri sanitarji fil-ħammieli taż-żrieragħ
  - Użu ta' varjetajiet reżistenti għall-pesti
  - Immaniġġjar tad-dati taż-żriegħ, tat-tħawwil jew tal-ħsad
  - Ġestjoni tal-ilma/irrigazzjoni
  - Ġestjoni tal-ħamrija u n-nutrijenti (inkluż il-mulching, l-ebda ħdim tar-raba' jew ħdim limitat, ġestjoni tal-fertilizzanti)
  - Prattiki għat-titjib taż-żieda gradwali ta' popolazzjonijiet ta' predaturi eżistenti b'mod naturali
  - Użu ta' nasbiet jew pjanti nasba
  - Inputs bijoloġiċi
  - Kontroll bijoloġiku permezz tar-rilaxx ta' predaturi, parassiti jew patoġeni
  - Bijopestiċidi
  - Tħejjijiet bijoloġiċi
  - Inputs kimiċi
  - Sustanzi kimiċi li jfixklu l-imġiba tal-insetti (eż. feromoni)
  - Regolaturi tat-tkabbir

## ES 2 – Impenji

- Il-benefiċjarji jridu jsegwu l-Pjan tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti fuq iż-żona sħiħa tal-għeliqi sħaħ, għal tal-anqas tliet (3) snin konsekuttivi.
- Il-Pjan tal-IPM irid jitfassal minn individwi kompetenti.
- Il-Pjan tal-IPM irid ikun konformi mal-linji gwida maħruġa mid-Direttorat tal-Agrikoltura fejn applikabli, b'enfasi speċifika fuq il-moniteraġġ, prevenzzjoni u mekkaniżmi ta' kontroll li jiffavurixxu l-protezzjoni tal-bio-diversità u jnaqqsu r-riskju ta' kontaminazzjoni minn PPPs.
- Il-benefiċjarji jridu jinstallaw nasbiet fuq l-irqajja' tal-art biex il-bdiewa jkunu jistgħu jidentifikaw it-tip ta' pest/is-severità tal-infestazzjoni. L-installazzjoni tan-nasbiet trid tkun ibbażata fuq il-pjanijiet.

- Il-bdiewa huma meħtieġa li jżommu rekord, li jrid ikopri d-data meta jitwettaq il-monitoraġġ, il-pest li għalih il-bidwi kien qed jimmonitorja u l-għadd ta' pest(i) rrekordjati (jekk hemm).
- Il-bidwi, qabel ma jissottometti l-applikazzjoni, irid jiddikjara t-tip ta' għalla fil-BiedjaCam u jirreġistra l-użu ta' Prodotti tal Protezzjoni tal-Pjanti fuq tali għelejjel.
- L-għalqa trid tinżamm taħt attività agrikola minima annwali.
- Il-bdiewa jridu jattendu taħriġ relatat mal-għelejjel li qed jiġu kkultivati sat-tmiem tal-perjodu tal-impenn.

## ES 2– Kalkolu tar-rata ta' pagament

- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2023 – € 1,500.00
- • Rata massima stabbilita fil-PAK SP 2023 – € 2,000.00
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €1,500.00
- • Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €2,328.00
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2025 – €1,500.00
- • Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2025 – €2,328.00
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2026 – €1,500.00
- • Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2026 – €2,328.00
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2027 – € 900.00

• Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2027 – € 1,047.60

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli kopert mill-impenn.

## REFERENZI REGOLATORJI GĦALL-ISKEMA ES2

Direttiva 2000/60/KE

Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE

Regolament (KE) Nru 178/2002

Regolament (KE) Nru 1107/2009

Direttivi 79/117/KEE

Direttivi 91/414/KEE

Direttiva 2009/128/KE

Direttiva 2000/60/KE

Leġislazzjoni Natura 2000

AL 345 tal-2015

SL 549.66

SL 549.25

Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel 2002

SL 430.07

AL 284 TAL-2011

SL 430.08

AL 489 tal-2011

**t**: +356 2292 6148
**e**: arpa.mafa@gov.mt **w**: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

## Ekoskema 3 – Jitħeġġeġ l-Użu tal-Mulch bijodegradabbli

Il-benefiċjarji jridu jagħmlu impenn li jużaw mulch bijodegradabbli għal tal-inqas ċiklu ta' għalla waħda. L-iskema hija intenzjonata biex tkun marbuta mal-akkwist tal-mulch bijodegradabbli minħabba l-benefiċċji ambjentali pożittivi assoċjata miegħu. L-użu ta' mulch bijodegradabbli jwassal għal tnaqqis fil-ġenerazzjoni tal-iskart meta mqabbel mal-mulch konvenzjonali, li huwa materjal mhux riċiklabbli u li għaldaqstant jintrema f'landfill b'esternalitajiet negattivi assoċjati ma' din il-prattika. L-użu tal-mulch bijodegradabbli huwa wkoll meqjus pożittiv minn perspettiva prattika minħabba li l-mulch konvenzjonali jista' jinqabad mal-makkinarju. Hemm ukoll element li jkunu meħtieġa inqas riżorsi ta' ħin u sforz għax-xogħol biex jinġabar u jintrema l-mulch bijodegradabbli. Dan primarjament se jkollu fil-mira s-settur li jikkultiva għelejjel intensivi.

### ES 3 – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Bdiewa eliġibbli għall-BISS;
- Għelieqi impenjati jrid ikollhom tal-inqas erja eliġibbli totali ta' 0.04 Ha (ta' għelejjel ikkultivati permezz ta' mulch bijodegradabbli) matul il-perjodu tal-impenn;
- Fil-livell tal-impenn, l-erja minima hija ta' 0.04 Ha;
- ES 3 u 6 huma kompatibbli biex jiġu applikati fuq l-istess għalqa
- Il-bidwi jrid jiddikjara t-tip ta' wiċċ fil-pjan tal-għelejjel diġitali;
- Hija biss l-art li tista' tinħadem li hija eliġibbli taħt din l-ekoskema;
- Bdiewa organiċi ma jistgħux jibbenefikaw minn din l-iskema.

### ES 3 – Impenji

- Il-bdiewa jridu jissottomettu ritratti ġeottaggjati permezz tal-BiedjaCam għal dik is-Sena Kalendarja partikolari;
- L-għalqa trid tinżamm taħt l-attività agrikola minima annwali;
- Ma jista' jintuża l-ebda erbiċida, it-tneħħija ta' ħaxix ħażin jista' jitwettaq biss b'mezzi manwali u/jew mekkaniċi;
- Il-bidwi jrid iżomm rekords tad-dokumenti fiskali relatati mal-akkwist tal-Mulch bijodegradabbli, fejn jindikaw b'mod ċar l-akkwist ta' tali mulch;
- Il-benefiċjarji għandhom jimpenjaw ruħhom li jużaw mulch bijodegradabbli konformi mal-istandard tal-UE EN 17033 għall-inqas fuq iċ-ċiklu kollu tat-tkabbir ta' wiċċ wieħed.
- Il-bidwi jrid jiddikjara fuq liema prodott tar-raba' se jagħmel użu mill-mulch bijodegradabbli.

### ES 3 – Kalkolu tar-Rata ta' Pagament

- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2023 – €400
- • Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2023 – €430
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €400
- • Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €484.00
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2025 – €400
- • Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2025 – €484.00
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2026 – €400
- • Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2026 – €484.00
- • Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2027 – €200

• Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2027 – €225.12

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli kopert mill-impenn.

REFERENZI REGOLATORJI U BAŻI LEGALI GĦALL-ES3

Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE

Direttiva 2009/147/KE

Direttiva 92/43/KEE

Regolament (KE) Nru 178/2022

Regolament (KE) Nru 1107/2009

Direttivi 79/117/KEE

91/414/KEE

Direttiva 2009/128/KE

Direttiva 2000/60/KE

Leġislazzjoni Natura 2000

## Eko – Skema 4 MSS- Ħsad bikri ta' meded ta' aktar minn speċi waħda

Din tappoġġja l-ħsad bikri tal-foraġġ u għalf tal-għelejjel filwaqt li jipprojbixxi l-fertilizzant sintetiku u jrawwem mergħat b'ħafna speċijiet, speċifikament taħlitiet ta' *Gramineae* (ċereali bħall-qamħ, ix-xgħir, il-ħafur) u l-*Leguminosae* (legumi bħall-piżelli, il-fażola, l-għads). Il-parteċipanti għandhom jimpenjaw ruħhom għal tipi ta' żrieragħ imħallta b'minimu ta' żewġ tipi ta'uċuħ, joqogħdu lura milli japplikaw fertilizzanti sintetiċi, u jaħsdu u jiġbru l-prodotti fl-istadji ta' tkabbir prematur bejn April 1 u Mejju 15.

### ES 4 – Kriterji ta' Eliġibilità:

- Bdiewa eliġibbli taħt il-BISS;
- Għal kull għalqa l-erja minima hija ta' 0.04 Ha;
- L-iskema tipprovdi għal perjodu ta' impenn ta' sena (1) konsekuttiva.
- L-għelejjel eliġibbli għandhom ikunu varjetà ta' kultivari mill-familji *Gramineae u Leguminosae*;
- Il-bdiewa għandhom jiddikjaraw il-lista ta' kultivari impenjati fil-pjan diġitali tal-uċuħ tar-raba' tal-IACS;
- Fl-istadju tal-applikazzjoni l-applikanti għandhom jindikaw bħala minimu taħlita ta' żewġ (2) uċuħ differenti li jkunu qed jimpenjaw ruħhom għalihom permezz tal-pjan ta' uċuħ fuq kull roqgħa art;
- Il- Biċċa art magħżula għandha titqies eliġibbli jekk:

    1. din hija art li tinħadem
    2. tinżamm taħt attività minima annwali
    3. jinżamm f'kundizzjoni agrikola tajba s-sena kollha

### ES 4 – Impenji:

- Il-bdiewa għandhom jiddikjaraw it-tip tal-uċuħ fil-pjan tal-uċuħ diġitali inklużi mill-inqas (2) għelejjel eliġibbli differenti u jiddikjaraw liema varjetajiet qed jimpenjaw ruħhom għalihom;
- Iż-żona impenjata trid tinżera' b'mod sħiħ bil-varjetajiet eliġibbli;
- Kull bidwi għandu jżomm rekords tad-dokumenti fiskali relatati max-xiri tal-varjetajiet li għandhom ikunu disponibbli faċilment għal kwalunkwe verifika fuq il-post mill-uffiċjali;
- Il-ħsad irid isir bejn l-1 ta' April u l-15 ta' Mejju ta' kull sena.
- Matul il-perjodu impenjat, ma huma permessi ebda fertilizzanti sintetiċi u ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit.
- L-Eko-Skema tirrikjedi li l-benefiċjarju jissottometti kwalunkwe ritratt mitlub u/jew prova ta' xiri mill-ARPA kif indikat u f'konformità mal-pjan ta' uċuħ tar-raba' sottomess.

### ES 4 – Kalkolu tar-rata ta' pagament

- Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €447.00
- Rata massima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €631.20
- Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €447.00
- Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2024 – €631.20

• Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2025 – €447.00
• Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2025 – €631.20
• Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2026 – €447.00
• Rata Massima stabbilita fil-PAK SP 2026 – €631.20

## REFERENZI REGOLATORJI U BAŻI LEGALI GĦAL ES4

Direttiva 2000/60/KE

L.N. 345 tal-2015

S.L. 549.66

S.L. 549.25

Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel 2002 (Att Nru XIV tal-2002)

S.L 430.07

L.N 284 tal-2011

S.L 430.08

L.N.489 tal-2011

Ftehim tad-WTO dwar il-leġiżlazzjoni dwar l-Agrikoltura

## Ekoskema 5 – (NPE) - Raba' li Jinħadem għal Elementi mhux Produttivi

Din l-Eko-Skema għandha l-għan li tirkupra s-saħħa u l-kwalità tal-ħamrija filwaqt li tippromwovi prattiki sostenibbli billi tinċentiva lill-bdiewa jallokaw minimu ta' 7 % tar-raba' li jinħadem għal art mistrieħa. Jekk il-benefiċjarji tal-BISS jallokaw 7 % tal-art eliġibbli mill-impriża tagħhom, huma jkunu awtomatikament eliġibbli għal dan il-pagament addizzjonali. Dan għandu jinkludi ż-żamma ta' żoni mhux produttivi u l-ġestjoni sostenibbli tagħhom. Sussegwentement, il-bdiewa jistgħu, fuq bażi annwali jittrasferixxu ż-żona ddedikata mhux produttiva għal taqsima ġdida tal-pakkett jew iżommu l-allokazzjoni eżistenti.

## ES 5 – Kriterji ta' Eliġibilità:

- - Bdiewa attivi kif definiti taħt il-Pjan Strateġiku tal-PAK ta' Malta
- - Bdiewa eliġibbli u rreġistrati taħt il-BISS
- - ES 4, 5 u 6 huma kompatibbli u jistgħu jiġu applikati fuq l-istess pakkett
- - Iż-żoni eliġibbli għandhom ikunu art li tinħarat. Art tal-għelejjel permanenti m'għandhiex tkun appoġġata taħt din l-iskema
- - Il-għelieqi Impenjati m'għandhomx ikunu diġà assoċjati ma' AECC 5 jew kwalunkwe AECC jew eko-skemi oħra li mhumiex komplementari għal din l-iskema proposta

- L-art tinżamm taħt attività minima annwali, u tinżamm f'kundizzjoni agrikola tajba s-sena kollha.

## ES 5 – Impenji:

- - L-iskema għandha żewġ għażliet, għażla standard u mtejba. It-tnejn li huma jirrikonoxxu rekwiżiti minimi taż-żona ddedikata soġġetti għad-daqs tal-azjenda.

t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta

- - Żewġ minimi stabbiliti kienu bbażati fuq ir-rekwiżiti ta’ kundizzjonalità ta’ din l-iskema partikolarment il-kundizzjonalità ma’, u l-addizzjonalità għal, GAEC 8. Għal din ir-raġuni, l-applikanti ġew segmentati fi tnejn:
- 1. L-applikanti li huma eliġibbli għall-BISS u li għandhom azjenda agrikola ta’ inqas minn 10 ettaru (Grupp A) se jkunu meħtieġa jallokaw minimu ta’ 7 % ta’ art li tinħarat kontinwa bħala art li tinsab mhux maħduma, li fl-ebda każ m’għandha tkun inqas minn 0.03. ettaru ta' art li tinħarat kontinwa.
- 2. L-applikanti li għandhom azjenda agrikola ta' aktar minn 10 ettari (Grupp B) ikunu meħtieġa jallokaw minimu ta' 10% tal-art li tinħarat tagħhom.
- - Il-bdiewa jistgħu wkoll jagħżlu li jallokaw aktar mill-istandard u jagħżlu li jallokaw ir-rekwiżiti tal-għażliet imsaħħa. Taħt il-gruppi A u B, il-bdiewa jistgħu jallokaw 7 % u 10 % rispettivament għal art li tinsab mhux maħduma. Dan il-perċentwal ta' art għandu jintlaħaq permezz ta' allokazzjoni kontinwa.
- - Il-parti magħżula għandha tkun art li tinsab mhux maħduma bejn l-1 ta' Mejju u l-15 ta' Ottubru. L-attività minima għandha tinżamm matul il-perjodu ta’ implimentazzjoni tal-iskema.

Jekk il-benefiċjarji jagħżlu l-għażla mtejba, it-termini kollha japplikaw bl-istess mod

## ES 5 – Kalkolu tar-rata ta’ pagament

Rata Minima ta’: €112.00/Ha

• Rata Minima stabbilita fil-PAK SP 2024 – 2027 – €112.00

• Rata massima stabbilita fil-PAK SP 2024 – 2027 – €335.00

• Rata għal Cluster A (2024): €234.51

• Rata għal cluster B (2024): €335.00

REFERENZI REGOLATORJI U BAŻI LEGALI GĦALL-ES5

Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE

Regolament (KE) Nru 1107/2009

Direttiva 2009/128/KE

Direttiva 2000/60/KE

Natura 2000

L.N. 345 tal-2015

S.L. 549.66

S.L. 549.25

Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel 2002

S.L 430.07

L.N 284 tal-2011

S.L 430.08

L.N.489 tal-2011

Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura

QUALITY SERVICE

t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Triq Hal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta

ARPA AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

## Ekoskema 6 – (CPM) - Eko-Skema CPM - Materjal ta' propagazzjoni ċċertifikat reżistenti għall-patoġeni u kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba' jew varjetajiet ta' pjanti b'inqas domanda għall-ilma

L-għan hu li jippromwovi l-użu ta' materjal iċċertifikat reżistenti għall-patoġeni u għall-mard flimkien mal-kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba'u varjetajiet ta' pjanti b'inqas domanda għall-ilma. Għalhekk, il-benefiċjarji jimpenjaw ruħhom li jużaw waħda minn dawn il-prattiki filwaqt li huma mħeġġa jikkombinaw dawn l-elementi meta jkun teknikament fattibbli u meta materjal ta' propagazzjoni bħal dan ikun disponibbli, biex b'hekk jiżviluppaw pjan ta' uċuħ tar-raba' b'inqas domanda għall-ilma.

### ES 6 – Kriterji ta' Eliġibilità:

- - Bdiewa attivi kif definiti taħt il-Pjan Strateġiku tal-PAK ta' Malta;
- - Benefiċjarji eliġibbli għall-BISS
- - Il-għelieqi impenjati għandu jkollhom mill-inqas erja totali eliġibbli ta' 0.04 Ha (ta' materjali kkultivati reżistenti għall-patoġeni u/jew varjetajiet ta' uċuħ tar-raba' jew pjanti b'inqas domanda għall-ilma) matul il-perjodu ta' impenn;
- - ES 3 and5  huma kompatibbli u jistgħu jiġu applikati fuq l-istess pakkett
- - Fil-livell ta' impenn l-erja minima hija 0.04 Ha;
- - L-iskema tipprovdi għal perjodu ta' impenn ta' sena (1) konsekuttiva.
- - Il-bdiewa għandhom jiddikjaraw il-lista ta' materjali u varjetajiet impenjati u l-perjodu ta' impenn magħżul tagħhom fil-pjan tal-uċuħ diġitali tal-IACS;
- - Il-bdiewa għandhom jużaw materjali tal-pjanti ċertifikati reżistenti għall-patoġeni, inklużi żrieragħ, tilqim, varjetajiet u materjali oħra ta' propagazzjoni ċċertifikati biex isaħħu r-reżiljenza tal-uċuħ tar-raba';
- - Materjali u varjetajiet dikjarati reżistenti għall-patoġeni b'inqas domanda għall-ilma għandhom ikunu parti mil-lista verifikata li hija meqjusa xierqa mill-korpi kompetenti kif maħtura mill-MAFA (Speċifikat fl-Anness III). Il-benefiċjarji jistgħu jimpenjaw ruħhom għal din l-iskema billi jagħmlu talba ta' ħlas annwali u jkunu jistgħu jippreżentaw prova tax-xiri ta' materjali u varjetajiet eliġibbli u verifikati meta mitluba;
- - L-applikanti għandhom fl-istadju tal-applikazzjoni jindikaw mill-inqas wiċċ tar-raba' wieħed li qed jimpenjaw ruħhom għalih permezz tal-pjan tal-uċuħ tar-raba';
- - Il-biċċa art magħżula għandha titqies bħala eliġibbli jekk:
- o hija art li tinħarat
- o tinżamm taħt attività minima annwali

o jinżamm f'kundizzjoni agrikola tajba s-sena kollha

### ES 6 – Impenji:

- - ·L-applikanti eliġibbli jistgħu jkunu meħtieġa jużaw l-applikazzjoni tas-software mobbli tal-ARPA (Biedjacam) biex jissottomettu l-pjan tal-uċuħ tar-raba' tagħhom u jiddikjaraw liema mill-varjetajiet ta' pjanti verifikati mill-bord b'inqas domanda għall-ilma qed jimpenjaw ruħhom għalihom;
- - ·Bdiewa eliġibbli għandhom jiddikjaraw l-impenn tagħhom għal sena waħda (1) konsekuttiva b'sistema ta' rotazzjoni tal-uċuħ staġjonali jew annwali; Il-materjali magħżula reżistenti għall-patoġeni u/jew l-uċuħ tar-raba' jew il-varjetajiet b'inqas domanda għall-ilma li għandhom jiġu

    b. id-doppju tal-perċentwal li jrid jiġi stabbilit skont il-paragrafu 3, jekk huwa aktar minn 20% iżda mhux aktar minn 40%.

Jekk il-perċentwal stabbilit skont il-paragrafu 3 huwa aktar minn 40%, l-ebda għajnuna jew appoġġ li għalih il-benefiċjarju kieku kien ikun intitolat taħt l-iskema tal-għajnuna jew il-miżura ta' appoġġ jew it-tip ta' operazzjoni taħt tali miżura ta' appoġġ għas-sena tat-talba kkonċernata.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-perċentwali msemmija fil-paragrafu 2, l-għadd ta' annimali tal-iskema ta' għajnuna jew il-miżura tal-appoġġ jew it-tip ta' operazzjoni misjub li mhux determinat ser jiġi diviż bl-għadd ta' annimali determinati għal dik l-iskema ta' għajnuna jew il-miżura ta' appoġġ jew it-tip ta' operazzjoni taħt tali miżura ta' appoġġ għas-sena tat-talba kkonċernata.

## Kalkolu ta' Penalitajiet tal-Lista tal-Verifiki

Dawn il-penalitajiet jiddependu fuq l-eżitu tal-verifiki mdaħħla fis-sistema ta' kontroll fir-rigward tal-aderenza mal-obbligi u l-impenji li huma speċifiċi għall-intervent u mhumiex relatati mal-kejl tal-erja eliġibbli.

Il-penali huma espressa fil-forma ta' tnaqqis tal-perċentwal fuq il-pagament potenzjali ta' dak l-intervent. Il-listi tal-verifiki fis-sistema ta' kontroll huma bbażati fuq matriċi tal-penalitajiet li għandha tipproduċi l-penali ġenerali li għandha tiġi applikata. Dik il-penali hija mbagħad riflessa fil-kalkolu tal-pagament taħt il-modulu tal-applikazzjonijiet.

<u>Tipi ta' penali</u>

Nuqqas ta' Konformità Mhux intenzjonali

Biex jiġu kkalkulati dak it-tnaqqis u dawk l-esklużjonijiet, għandhom jitqiesu l-gravità, l-estent, it-tul ta' żmien jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità li jkun instab. Il-penali amministrattivi imposti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. In-nuqqasijiet ta' konformità identifikati għall-ewwel darba għandhom jitqiesu bħala nuqqasijiet ta' konformità mhux intenzjonati u t-tnaqqis għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Madankollu, it-tnaqqis għandu jitnaqqas għal 1 % jew 5 % skont il-firxa, is-severità u l-permanenza tal-każ.

Nuqqasijiet mhux intenzjonali li jerġgħu iseħħu

Fejn l-istess nuqqas ta' konformità jippersisti jew jerġa' jseħħ darba fi żmien tliet snin kalendarji konsekuttivi, it-tnaqqis perċentwali għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 10 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Okkorrenzi oħra tal-istess nuqqas ta' konformità mingħajr raġuni ġustifikata mill-benefiċjarju għandhom jitqiesu li huma każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali.

Non-konformità intenzjonali

Fejn l-istess nuqqas ta' konformità jkompli jippersisti mingħajr raġuni ġustifikata mill-benefiċjarju, dan għandu jitqies bħala każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali u t-tnaqqis perċentwali għandu jkun mill-inqas 15 % tal-ammont totali tal-pagamenti. F'każijiet bħal dawn, il-bidwi jiġi nnotifikat dwar il-ksur intenzjonat misjub u jkun obbligat li jagħmel użu mill-FAS. Il-bdiewa b'nuqqasijiet ta' konformità intenzjonali li jonqsu milli jattendu s-sessjoni ta' informazzjoni dwar l-FAS għandhom, matul l-estrazzjoni tal-kampjun tas-sena li tkun ġejja, jirċievu punti ta' klassifikazzjoni ogħla.

Jekk l-istess nuqqas ta' konformità jiġi identifikat għal erba' darbiet fi snin konsekuttivi differenti, għandha tapplika penali ta' tnaqqis ta' 50 % tal-pagament annwali totali. Jekk imbagħad l-istess nuqqas ta' konformità jiġi identifikat għal ħames darbiet fi snin konsekuttivi differenti, għandha tapplika penali ta' tnaqqis ta' 100 % tal-pagament annwali totali.
Għall-Pagamenti Diretti, dan ser ikun applikabbli għall-Eko-Skemi u l-Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu.

## Sottomissjoni tard Ta' Talbiet għal Pagament

Talbiet għal pagament għandhom jiġu sottomessi qabel id-data li tiġi stabbilità mill-ARPA kull sena wara liema għandu japplika tnaqqis ta' 1% għal kull ġurnata tax-xogħol għal sottomissjonijiet tardivi, sa massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol. Ma tiġi aċċettata l-ebda applikazzjoni sottomessa wara dan il-punt.

Kemm il-penali kif ukoll id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni ma tapplikax f'każijiet ta' forza maġġuri u ċirkostanzi eċċezzjonali.

## Nuqqas ta’ Dikjarazzjoni ta’ art Agrikola

Jekk waqt Verifika Fuq il-Post, verifiki amministrattivi jew verifiki inkroċjati, l-ARPA tiddetermina li l-bidwi ma ddikjarax il-biċċiet tar-raba’ kollha relatati mal-erja taħt il-ġestjoni tiegħu u d-differenza bejn l-erja tal-azjenda ġenerali dikjarata u l-erja tal-azjenda, flimkien mal-erja mhux dikjarata hija aktar minn 3% tal-erja dikjarata, mela l-bidwi ser jirċievi penali ta’ 3%.

## Penalitajiet relatati mal-Kundizzjonalità għal dik is-Sena tat-Talba

Kwalunkwe benefiċjarju li jirċievi fondi taħt il-PAK irid jikkonforma mar-Rekwiżiti Statutorji ta’ Ġestjoni (SMRs) u l-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin (KAAT) li flimkien jikkostitwixxu l-obbligi bażiċi taħt il-kundizzjonalità (jekk applikabli) u huma **relatati mal-ambjent, it-tibdil fil-klima, il-kundizzjoni agrikola tajba tal-art, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti u l-benesseri tal-annimali.** Tiġi applikata penali jekk ikun hemm nuqqas ta’ konformità ma’ kwalunkwe mill-SMRs jew il-KAAT. Dawn il-penalitajiet jiddependu fuq l-eżitu tal-verifiki mdaħħlin fis-sistema ta’ kontroll fir-rigward tal-aderenza mal-obbligi msemmija hawn fuq relatati mal-kundizzjonalità (jekk applikabli).

Il-penali hija espressa fil-forma ta’ tnaqqis ta’ perċentwal fuq il-pagament totali potenzjali matul dik is-Sena tat-Talba. Il-listi tal-verifiki fis-sistema ta’ kontroll huma bbażati fuq matriċi tal-penalitajiet li għandha tipproduċi l-penali ġenerali li għandhom jiġu applikati. Dik il-penali hija mbagħad riflessa fil-kalkolu tal-pagament taħt il-modulu tal-applikazzjonijiet u applikata għall-pagament sħiħ.

<u>Tipi ta’ Penali</u>

Nuqqas ta’ Konformità Mhux intenzjonali — Insinifikanti

L-unità ta’ Kontroll hija l-Awtorità Kompetenti li tiddeċiedi liema ksur għandu jitqies bħala nuqqas ta’ konformità insinifikanti u mhux intenzjonat skont l-Artikolu 85(3) tar-Regolament (UE) 2021/2116. Meta jinstabu nuqqasijiet ta’ konformità insinifikanti wara li jitlestew l-ispezzjonijiet tal-art u tal-bdiewa, il-bidwi għandu jiġi infurmat dwar in-nuqqas ta’ konformità identifikat u l-azzjonijiet possibbli ta’ rimedju li għandhom jittieħdu. L-istess nuqqasijiet ta’ konformità se jiġu mmarkati fir- “Rapport tal-Kontroll” u l-bidwi għandu jingħata wkoll il-parir li jagħmel użu mis-Servizzi ta’ Konsulenza għall-Azjendi Agrikoli (FAS) kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Il-FAS ma għandhiex issir obbligatorja għal każijiet ta’ nuqqasijiet ta’ konformità insinifikanti, madankollu, għandha titqies bħala mekkaniżmu addizzjonali offrut mill-ARPA biex jgħin lill-bdiewa jifhmu l-obbligi tagħhom lejn il- “Kondizzjonalità”, u b’hekk jiżdied l-għarfien dwar il-konformità xierqa mal-SMRs u l-GAECs.

Id-dettalji ta’ kuntatt tal-AgriConnect FAS għandhom jiġu pprovduti mill-uffiċjali tas-CU preżenti waqt l-ispezzjoni tal-bdiewa u għandhom ikunu disponibbli fir- “Rapport tal-Kontroll” mibgħut lill-benefiċjarju.

Nuqqasijiet ta’ konformità mhux intenzjonati

L-ispetturi tal-CU għandhom jieħdu l-istess approċċ meta jinstab nuqqas ta’ konformità mhux intenzjonat (l-ewwel darba li jinstab nuqqas ta’ konformità) wara t-tlestija tal-kontrolli tal-kundizzjonalità (jekk applikabli).

Nuqqasijiet mhux intenzjonali li jerġgħu iseħħu

Meta l-istess nuqqas ta’ konformità jippersisti jew jerġa’ jseħħ darba fi żmien tliet snin kalendarji konsekuttivi, it-tnaqqis perċentwali għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta’ 10 % tal-ammont totali tal-pagamenti (l-Artikolu 85(6) tar-Regolament (UE) 2021/2116). Okkorrenzi oħra tal-istess nuqqas ta’ konformità mingħajr raġuni ġustifikata mill-benefiċjarju għandhom jitqiesu li huma każijiet ta’ nuqqas ta’ konformità intenzjonali.

Non-konformità intenzjonali

Skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) 2022/1172, fejn l-istess nuqqas ta’ konformità jkompli jippersisti mingħajr raġuni ġustifikata mill-benefiċjarju, dan għandu jitqies bħala każ ta’ nuqqas ta’ konformità intenzjonali u t-tnaqqis perċentwali għandu jkun mill-inqas 15 % tal-ammont totali tal-pagamenti. F’każijiet bħal dawn, il-bidwi jiġi nnotifikat dwar il-ksur intenzjonat misjub u jkun obbligat li jagħmel użu mill-FAS. Il-bdiewa b’nuqqasijiet ta’ konformità intenzjonali li jonqsu milli jattendu s-sessjoni ta’ informazzjoni dwar l-FAS għandhom, matul l-estrazzjoni tal-kampjun tas-sena li tkun ġejja, jirċievu punti ta’ klassifikazzjoni ogħla.
Jekk l-istess nuqqas ta’ konformità jiġi identifikat għal erba’ darbiet fi snin konsekuttivi differenti, għandha tapplika penali ta’ tnaqqis ta’ 50 % tal-pagament annwali totali. Jekk imbagħad l-istess nuqqas ta’ konformità jiġi identifikat għal ħames darbiet fi snin konsekuttivi differenti, għandha tapplika penali ta’ tnaqqis ta’ 100 % tal-pagament annwali totali.

## Penalitajiet relatati mal-Kundizzjonalità li jaffettwaw is-Snin ta’ Talbiet preċedenti

Dawn il-penalitajiet jiddependu fuq l-eżitu tal-verifiki mdaħħlin fis-sistema ta’ kontroll fir-rigward tal-aderenza mal-obbligi relatati mal-kundizzjonalità (jekk applikabli). Dawn japplikaw meta jiġi determinat li nuqqas ta’ konformità partikolari kien identifikat fis-sena N, iżda n-nuqqas ta’ konformità attwali kien persistenti fis-snin preċedenti.

Il-penali hija espressa fil-forma ta’ tnaqqis tal-perċentwal fuq il-pagament potenzjali ta’ dak l-intervent. Il-listi tal-verifiki fis-sistema ta’ kontroll huma bbażati fuq sistema tal-penalitajiet li

għandha tipproduċi l-penali ġenerali li għandha tiġi applikata. Dik il-penali hija mbagħad riflessa fil-kalkolu tal-pagament taħt il-modulu tal-applikazzjonijiet u applikata għall-pagament sħiħ.

## Penalitajiet relatati mal-Kundizzjonalità Soċjali

Dawn il-penalitajiet jiddependu fuq l-eżitu tal-verifiki mdaħħlin fis-sistema ta' kontroll fir-rigward tal-aderenza mal-obbligi relatati mal-kundizzjonalità soċjali.

Il-penali hija espressa fil-forma ta' tnaqqis tal-perċentwal fuq il-pagament potenzjali ta' dak l-intervent. Il-listi tal-verifiki fis-sistema ta' kontroll huma bbażati fuq matriċi tal-penalitajiet li għandha tipproduċi l-penali ġenerali li għandha tiġi applikata. Dik il-penali hija mbagħad riflessa fil-kalkolu tal-pagament taħt il-modulu tal-applikazzjonijiet u applikata għall-pagament sħiħ.

## Penalitajiet relatati mal-Kundizzjonalità soċjali li jaffettwaw is-Snin ta' Talbiet preċedenti

Dawn il-penalitajiet jiddependu fuq l-eżitu tal-verifiki mdaħħlin fis-sistema ta' kontroll fir-rigward tal-aderenza mal-obbligi relatati mal-kundizzjonalità soċjali. Dawn japplikaw meta jiġi determinat li nuqqas ta' konformità partikolari kien identifikat fis-sena N, iżda n-nuqqas ta' konformità attwali kien persistenti fis-snin preċedenti.

Il-penali hija espressa fil-forma ta' tnaqqis tal-perċentwal fuq il-pagament potenzjali ta' dak l-intervent. Il-listi tal-verifiki fis-sistema ta' kontroll huma bbażati fuq sistema tal-penalitajiet li għandha tipproduċi l-penali ġenerali li għandha tiġi applikata. Dik il-penali hija mbagħad riflessa fil-kalkolu tal-pagament taħt il-modulu tal-applikazzjonijiet u applikata għall-pagament sħiħ.

## Każijiet fejn l-ebda penali ma għandha tiġi imposta

L-ebda penali ma għandha tiġi imposta:

(a) fejn in-nuqqas ta' konformità huwa minħabba forza maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament 2116/2021 u jekk ikkonfermat bħala tali mill-ARPA; barra minn dan f'tali każijiet, il-benefiċjarju ser iżomm id-dritt li jirċievi l-għajnuna bis-sħiħ għall-applikazzjonijiet effettwati mill-forza maġġuri jew iċ-ċirkostanza eċċezzjonali.

(b) fejn l-ARPA tiddetermina li n-nuqqas ta' konformità huwa minħabba żball tal-awtorità kompetenti jew awtorità oħra, u fejn l-iżball ma setax jinstab b'mod raġonevoli mill-persuna kkonċernata mill-awtorità amministrattiva;

(c) fejn il-persuna kkonċernata tista' turi għas-sodisfazzjon tal-ARPA li huwa jew hija m'għandhomx tort għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 jew jekk l-ARPA hija sodisfatta mod ieħor li l-persuna kkonċernata m'għandhiex tort; u

(d) in-nuqqas ta' konformità huwa minħabba ordni minn awtorità pubblika.

## Spezzjonijiet irrifjutati

L-Applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-ħlas għandha tiġi miċħuda jekk il-benefiċjarju jew ir-rappreżentant tiegħu jipprevjeni milli ssir kontroll fuq il-post, ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Tali rifjut għandu jwassal ukoll għal ksur tal-impenn kollu u l-fondi riċevuti taħt dak l-impenn għandhom jiġu rkuprati mill-ARPA.

## EVIDENZA/DIKJARAZZJONIJIET FOLOZ

Fejn ikun stabbilit li l-benefiċjarju pprovda evidenza falza għall-fini li jirċievi l-appoġġ, l-appoġġ għandu jiġi rrifjutat jew irtirat kollu. Barra minn hekk, il-benefiċjarju għandu jiġi eskluż mill-istess miżura jew tip ta' operazzjoni għas-sena kalendarja li fiha jiġi stabbilit it-tali sitwazzjoni u għas-sena ta' talba ta' wara.

## Forza Maġġuri

Jekk benefiċjarju ma jkunx jista' jikkonforma mal-obbligi bħala riżultat ta' forza maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali kif previst fl-Artikolu 3 ta' (UE) 2116/2021, huwa għandu jżomm id-dritt tiegħu għal għajnuna eliġibbli sa meta jkun seħħ il-każ ta' forza maġġuri jew iċ-ċirkostanza eċċezzjonali.

Każijiet ta' forza maġġuri u ċirkostanzi eċċezzjonali għandhom jiġu nnotifikati bil-miktub lill-awtorità kompetenti (ARPA), b'evidenza rilevanti għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, fi żmien ħmistax-il (15) jum tax-xogħol mid-data li fiha l-benefiċjarju jew il-persuna intitolata permezz tiegħu, ikunu f'pożizzjoni li jagħmlu dan. Wara konsultazzjoni mal-Bord ta' Forza maġġuri, l-ARPA tiddeċiedi jekk hemmx każ ta' forza maġġuri skont il-parametri tar-Regolamenti tal-UE applikabbli. Jekk l-ARPA tqis li każ ġie affettwat minn avveniment ta' forza maġġuri, il-benefiċjarju jista' jiġi ġġustifikat jew skużat, totalment jew parzjalment, fir-rigward ta' xi inadempjenza li jista' jkun hemm. Iżda jekk l-applikazzjoni ta' forza maġġuri tiġi miċħuda, l-ARPA tista' tfittex li tirkupra jew tirtira l-fondi kollha relatati ma' din l-iskema.

Id-dokumentazzjoni uffiċjali trid tiġi ppreżentata flimkien mal-applikazzjoni tal-forza maġġuri. F'każ ta' mard, huwa meħtieġ ċertifikat mediku u fil-każ ta' kwarantina obbligatorja, in-notifika uffiċjali maħruġa mill-Ministeru tas-Saħħa hija meħtieġa, f'każijiet ta' mard tal-pjanti u/jew mewt ta' siġar fil-każ ta' vinji, irid jiġi ppreżentat rapport mid-Direttorat tal-Agrikoltura jew mid-Direttorat għall-Protezzjoni tal-Pjanti (skont il-każ).

Aktar informazzjoni dwar it-talbiet ta' forza maġġuri tista' tiġi aċċessata mis-sit web tal-ARPA fuq: https://agricultureservices.gov.mt/en/arpa/Pages/ARPAhome.aspx

## Ġestjoni ta' impenji pluriennali (Impennji ta' iktar min-sena waħda)

Il-benefiċjarji li jidħlu għal impenji pluriennali taħt l-Eko-Skemi, huma obbligati li jsegwu l-obbligi indikati matul il-perjodu kollu tal-impenn.

L-impenji kollha huma rreġistrati fil-modulu tar-reġistru tal-impenji fl-IACS. Ir-reġistru tal-impenji jservi bħala bażi tad-data biex jirreġistra r-rabta bejn il-bidwi, l-għelieqi u l-erja ekwivalenti impenjata, l-iskema magħżula u t-tul ta' żmien tal-impenn. Ladarba l-impenn jitmexxa fl-istadju tal-kuntratt, l-informazzjoni maħżuna fl-impenn tintuża għall-ġenerazzjoni tat-talbiet għal pagament mimlijin minn qabel. Kull impenn irreġistrat fir-reġistru tal-impenji għandu kodiċi ta' identifikazzjoni uniku. Bidliet li jirriżultaw minn kontrolli fuq il-Post jew aġġornament tal-LPIS huma riflessi fir-reġistru tal-impenji.

Trasferimenti/ksur tal-impenji jridu jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-impenji.

Għalkemm tali impenji pluriennali fir-reġistru tal-impenji jistgħu jkunu magħmula minn aktar minn għalqa waħda, kull għalqa hija meqjusa bħala impenn fiha nnifisha. Dan ifisser li bidwi jista' jittrasferixxi/jneħħi għalqa waħda u ma jiġix ikkunsidrat bħala ksur fuq l-gheliqi kommessi kollha jekk ir-rekwiżiti minimi jinżammu.

L-għalqa li titneħħa mill-impenn sew permezz ta' talba mill-benefiċjarji jew minħabba l-ineliġibbiltà ta' dik l-għalqa għandha titqies bħala "bi ksur" (sakemm l-impenn ma jiġix ittrasferit liċ-ċessjonarju flimkien mal-għalqa), u f'dan il-punt l-ARPA ser twettaq valutazzjoni u tirkupra l-pagamenti mill-benefiċjarju fir-rigward ta' dik l-għalqa. Jekk it-tneħħija tal-għalqa taffettwa l-kundizzjonijiet ġenerali tal-linja bażi għall-eliġibbiltà, mela l-fondi kollha riċevuti taħt dak il-kuntratt partikolari għandhom jiġu rkuprati. Jekk it-tneħħija msemmija hija riżultat ta' ksur tal-impenn identifikat permezz ta' Verifika Fuq il-Post jew kwalunkwe verifika amministrattiva mwettqa mill-ARPA matul l-aħħar sena tal-impenn, il-penalitajiet relatati kollha għandhom jiġu applikati, madankollu l-ARPA tista' tiddeċiedi li l-ebda rkupru ta' pagamenti passati mhu meħtieġ f'termini ta' proporzjonalità.

Bidwi jista' jissottometti talba u jżid l-ammont tal-erja eliġibbli tal-għalqa impenjata fi kwalunkwe ħin matul l-impenn. Bl-istess mod jistgħu jiġu aċċettati talbiet biex jitnaqqas l-ammont tal-erja eliġibbli totali tal-għalqa impenjata jekk il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà minimi għadhom qed jiġu osservati.

Il-benefiċjarji jridu jissottomettu talba għal pagament għal kull sena ta' talba, dawk li jonqsu li jissottomettu l-ewwel talba għal pagament ser jingħalqilhom l-impenn tagħhom u jitqiesu bħala miksura. Ma tkun meħtieġa l-ebda rifużjoni billi l-ebda pagament ma jkun inħareġ taħt dak l-impenn.

Jekk il-benefiċjarju jonqos li jissottometti talba għal pagament fit-tieni sena jew fis-snin segwenti, il-bidwi ser jitqies li jkun kiser l-impenn tiegħu u l-fondi kollha maħruġa matul l-impenn għall-għelieqi fil-vjolazzjoni jridu jiġu rkuprati.

## Irkupru ta' pagamenti mhux dovuti bl-imgħax

L-ARPA ser titlob l-irkupru mill-benefiċjarju ta' kwalunkwe pagament mhux dovut wara li sseħħ irregolarità jew negliġenza. L-ammonti korrispondenti ser jiġu rreġistrati meta ssir it-talba għall-irkupru fil-ledger tad-debituri tal-aġenzija li tħallas.

L-ARPA għandha tadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi kollha u tieħu kwalunkwe miżura neċessarja biex tiżgura l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Komunità b'mod partikolari biex:

- Tipprevjeni u ssegwi l-irregolaritajiet.
- Tirkupra pagamenti mhux dovuti bl-imgħax u tiftaħ proċeduri legali għal dak il-għan kif meħtieġ.

Ir-rikonoxximent tad-djun bħala Irregolarità għandu jseħħ fil-perjodi ta' żmien stipulati msemmija fir-Regolamenti tal-Kummissjoni rispettivi.  Wara r-rikonoxximent tad-djun, l-ARPA hija obbligata li tirkupra l-ammonti dovuti sew permezz ta' Tpaċija jew Pagament il-bank. Sabiex ikun konformi mal-Liġi Nazzjonali, peress li d-dejn jeħtieġ li jitqies bħala ċert, likwidu u dovut, id-debitur irid jaċċetta d-dejn. Imbagħad, l-ARPA se tkun tista' tpaċi kwalunkwe dejn pendenti tad-debitur kontra kwalunkwe pagament futur li jrid isir lilu.  Id-debitur jista' jagħżel li jħallas id-dejn billi jagħmel Pagament il-Bank, billi jħallas id-dejn tiegħu direttament fil-kont tal-bank tal-Irregolaritajiet tal-ARPA. Tinħareġ irċevuta għal kwalunkwe ammont irkuprat. Jekk id-dejn ma jiġi rkuprat fi żmien il-perjodu stipulat mill-Ewwel Ittra ta' Notifika, mela l-ARPA mbagħad tapplika r-rati tal-imgħax kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni u l-Liġijiet ta' Malta.

Sakemm l-Atti ta' Implimentazzjoni u l-atti delegati li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tas-sistema tal-penalitajiet għall-kundizzjonalità jkunu għadhom mhux finalizzati, il-mekkaniżmu ta' hawn fuq huwa soġġett li jinbidel skont id-dispożizzjonijiet eventwali ta' tali test legali.

## Rimborż tal-approprjazzjonijiet (Pagament ta' Dixxiplina Finanzjarja)

Kif imniżżel fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 2116/2021, ir-rata ta' aġġustament għal interventi fil-forma ta' pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 5(2), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 2116/2021 u għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal ħlasijiet taħt il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 u l-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 għall-miżuri speċifiċi msemmija fl-Artikolu 5(2), punt (e), ta' dan ir-Regolament ("l-aġġustament ir-rata') għandha tiġi determinata mill-Kummissjoni Ewropea fejn it-tbassir għall-finanzjament tal-interventi u l-miżuri ffinanzjati taħt is-sottolimitu korrispondenti għal sena baġitarja partikolari jindikaw li l-limiti massimi annwali applikabbli se jinqabżu.

Ir-rata ta' aġġustament għandha tapplika għall-ħlasijiet li għandhom jingħataw lill-bdiewa għall-interventi u l-miżuri speċifiċi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu li jaqbżu l-€2,000 għas-sena kalendarja korrispondenti.

Fejn tali approprjazzjonijiet li jridu jiġu riportati skont l-ewwel subparagrafu jibqgħu disponibbli u l-ammont ġenerali ta' approprjazzjonijiet mhux impenjati disponibbli għar-rimborż jirrappreżenta mill-inqas 0.2% tal-limitu massimu annwali għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), il-Kummissjoni Ewropea tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu għal kull Membru l-ammonti ta' approprjazzjonijiet mhux impenjati li għandhom jiġu rimborżati lill-benefiċjarji finali.

L-ammonti stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea skont il-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu, għandhom jiġu rimborżati lill-benefiċjarji finali. F'każ li l-Kummissjoni Ewropea tagħmel dawn l-approprjazzjonijiet disponibbli lil Malta dawn l-approprjazzjonijiet għandhom jerġgħu jitqassmu lura lill-benefiċjarji kif xieraq.

# Anness I: **Lista ta' speċi tal-pjanti relatati mal-Eko-Skema dwar id-dakkir**

Silla (*Hedysarum coronarium*) - Sulla

Kosbor (*Coriandrum sativum*) - Coriander

Fidloqqom (*Borago officinalis*) - Borage

Xnien Abjad (*Trifolium repens*) – White clover

Klin (*Salvia rosmarinus*) - Rosemary

Siġret il-Virgi, Għadiba, Bżar il-Patrijiet (*Vitex agnus-castus*) - Chaste tree

Salvja tal-Ikel (*Salvia officinalis*) - Sage

Lavanda/sombor (*Lavandula angustifolia*) – Common Lavender/True Lavender

Nagħniegħ (*Mentha x piperita*) - Peppermint

Plejju (*Mentha pulegium*) - Pennyroyal Mint/European Pennyroyal

Lavanda (*Lavandula multifida*) - Fern-leaved Lavender

Sagħtar komuni (*Thymus vulgaris*) – Thyme

Merqtux (*Origanum majorana*) - Marjoram

Riegnu (*Origanum vulgare*) - Oregano

Salvja tal-Madonna (*Phlomis fruticosa*) - Salvja tal-Madonna

Widnet il-Baħar (*Cheirolophus crassifolius*) - Maltese Rock-Centaury

Sempreviva t'Għawdex (*Helichrysum panoritanum* subsp. *melitense*) - Maltese Everlasting

Erika (*Erica multiflora*) - Mediterranean Heather

Żebbuġija (*Teucrium fruticans)* – Olive-leaved Germander

Tengħud tas-Siġra (*Euphorbia dendroides*) - Tree Spurge

Ċistu Roża (*Cistus creticus*) - Hoary Rockrose/Cretan Rockrose

Grand Statice (*Limoniastrum monopetalum*)

Ġenista Safra (*Spartium junceum*) - Spanish Broom

Kromb il-baħar Isfar (*Jacobaea maritima* subsp. *sicula*) - Sicilian Silvery Ragwort

Riħan (*Myrtus communis*) - Common Myrtle

Kappar (*Capparis orientalis*) - Caper

## Anness II: Dikjarazzjoni fuq l-Iskema tal-Bdiewa Żgħar

Jiena hawn taħt iffirmat niddikjara li m'inix interessat fl-Iskema tal-Bdiewa Żgħar.

Nifhem li b'din id-dikjarazzjoni se nitlef il-benefiċċji kollha li toffri din l-iskema u li se nintalab napplika għall-- Appoġġ tal-pagament bażiku għall-Introjtu ugħas-Sostenibbiltà bl-obbligi kollha li għandha marbutin magħha din l-iskema.

Isem u Kunjom ___________________________

Firma ___________________________

Data ___________________________

**NOTA:**

**L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali twettaq il-funzjonijiet tagħha skont il-liġijiet applikabbli u kif ukoll skont l-aħjar prassi.**

**A tenur tal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (iktar il-quddiem ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jew "Ir-Regolament"), l-Aġenzija qiegħda hawn tipprovdilek din l-informazzjoni sussegwenti:**

- **Il-"Kontrollur" hija l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali u din tista' tiġi ikkuntattjata ġewwa il-"Farm Sperimentali" Għammieri, Marsa, Malta jew permezz tal-indirizz tal-posta elettronika arpa.mafa@gov.mt;**
- **L-Uffiċjal tal-protezzjoni tad-data jista' jiġi kkuntatjat ġewwa l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, "Farm Sperimentali", Għammieri, Marsa, Malta jew permezz tal-indirizz tal-posta elettronika dpo.arpa@gov.mt;**
- **L-għan tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek huwa li jiġu implimentati l-miżuri taħt il-Politika Agrikola Komuni skont it-Titlu III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-liġijiet Ewropej u nazzjonali relatati, politiki aktar speċifiċi huma dependenti fuq il-miżuri kkonċernati u jistgħu jiġu stipulati iktar l'isfel f'dan id-dokument;**
- **Ir-reċipjent tad-data personali tiegħek hija l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali. Il-kategorija ta' reċipjenti tad-data personali tiegħek huma awtoritajiet pubbliċi li jinkludu wkoll istituzzjonijiet, entitajiet, uffiċini u aġenziji tal-Unjoni;**
- **Id-Data Personali tiegħek ser tinżamm għall-perjodu massimu illi tirrikjedi jew tippermetti l-liġi biex jiġu sodisfatti l-għanijiet iddikjarati u kwalunkwe obbligu legali u, jew talbiet li jistgħu jiġu mir-relazzjoni tiegħek mal-Aġenzija, jew oħrajn skont il-Politika ta' Retenzjoni tad-Data pprovduta ma' din id-dikjarazzjoni jew aċċessibbli mis-sit elettroniku www.arpa.gov.mt;**
- **Inti għandek id-dritt illi titlob mingħand il-Kontrollur aċċess għal, korrezzjoni jew tħassir ta' data personali jew restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data personali li tikkonċerna lilek jew li toġġezzjona għall-ipproċessar u kif ukoll għad-dritt tal-portabbiltà tad-data, skont il-liġi;**
- **Inti għandek id-dritt illi tressaq ilmenti mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data jew kwalunkwe awtorità superviżorja oħra, kif applikabbli skont ir-Regolament.**

**Id-data personali illi inti qiegħed tipprovdi lilna hija rekwiżit kuntrattwali u, jew legali relatata mad-drittijiet u l-obbligi tiegħek fir-rigward tal-Aġenzija u r-responsabbiltajiet tagħha.**

**Meta tissottometti din l-applikazzjoni/talba inti qiegħed tiddikkjara illi tifhem u taċċetta li l-Aġenzija se tipproċessa data personali relatata miegħek għall-għan speċifiku illi tiġi pproċessata din l-applikazzjoni/talba, skont il-liġi. Sabiex l-applikazzjoni/talba tiegħek tiġi pproċessata, għandek tipprovdi d-data personali tiegħek għall-għanijiet iddikjarati u għal kwalunkwe għan raġonevoli u, jew legalment neċessarju biex jiġu sodisfatti l-għanijiet imsemmija. In-nuqqas milli tipprovdi din id-data jista' jirriżulta fl-impossibbiltà tal-ipproċessar tal-applikazzjoni/talba tiegħek, mingħajr preġudizzju għall-konsegwenza oħra skont il-liġi.**

**L-ipproċessar tad-data personali se titwettaq skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data.**

**Għall-użu uffiċjali biss**

| Isem u Kunjom tal-uffiċjal | Firma | Data |
|---|---|---|
| Isem u Kunjom tal-uffiċjal li jivverifika | Firma | Data |

**t:** +356 2292 6148
**e:** arpa.mafa@gov.mt **w:** www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

# ANNESS III LISTA TA' SPEĊI TA' PJANTI RELATATI MA' EKO SKEMI DWAR MATERJAL TA' PROPAGAZZJONI ĊERTIFIKAT:

| **BSS** | |
|---|---|
| Common Name | Name used for CPM |
| tomato | BSS001 |
| tomato | BSS002 |
| tomato | BSS003 |
| tomato | BSS004 |
| tomato | BSS005 |
| | |
| **Laflafett** | |
| Common Name | Name used for CPM |
| Tomato | LFT001 |
| Tomato | LFT002 |
| Tomato | LFT003 |
| Cucumber | LFT004 |
| Cucumber | LFT005 |
| Pepper | LFT006 |
| Pepper | LFT007 |
| Pepper | LFT008 |
| Pepper | LFT009 |
| Melon | LFT010 |
| Melon | LFT011 |
| Squash | LFT012 |
| Squash | LFT013 |
| Squash | LFT014 |
| Watermelon | LFT015 |
| Watermelon | LFT016 |
| Watermelon | LFT017 |
| Cabbage | LFT018 |
| Cabbage | LFT019 |
| Tomato Rootstock | LFT020 |
| Tomato Rootstock | LFT021 |
| Tomato Rootstock | LFT022 |
| Tomato Rootstock | LFT023 |
| Broccoli | LFT024 |
| Broccoli | LFT025 |
| Strawberry | LFT026 |
| Strawberry | LFT027 |
| Strawberry | LFT028 |
| Strawberry | LFT029 |

| | |
|---|---|
| Strawberry | LFT030 |
| | |
| **Nick's** | |
| Common Name | Name used for CPM |
| Tomato | NCK001 |
| Tomato | NCK002 |
| Tomato | NCK003 |
| Tomato | NCK004 |
| Tomato | NCK005 |
| Tomato | NCK006 |
| Tomato | NCK007 |
| Pepper | NCK008 |
| Pepper | NCK009 |
| Aubergine | NCK010 |
| Aubergine | NCK011 |
| Cabbage | NCK012 |
| Cauliflower | NCK013 |
| Broccoli | NCK014 |
| | |
| **Agriproducts** | |
| Common Name | Name used for CPM |
| Tomato | AGR001 |
| Tomato | AGR002 |
| Tomato | AGR003 |
| Tomato | AGR004 |
| Tomato | AGR005 |
| Tomato | AGR006 |
| Pepper | AGR007 |
| Pepper | AGR008 |
| Pepper | AGR009 |
| Aubergine | AGR010 |
| Lettuce | AGR011 |
| Lettuce | AGR012 |
| Lettuce | AGR013 |
| Cucumber | AGR014 |
| Cucumber | AGR015 |
| Cucumber | AGR016 |
| Cauliflower | AGR017 |
| Cauliflower | AGR018 |
| Cabbage | AGR019 |
| Cabbage | AGR020 |
| Cabbage | AGR021 |
| Squash | AGR022 |

| | |
|---|---|
| Squash | AGR023 |
| Squash | AGR024 |
| leeks | AGR025 |
| Melon | AGR026 |
| Melon | AGR027 |
| Watermelon | AGR028 |
| Watermelon | AGR029 |
| Watermelon | AGR030 |
| Broccoli | AGR031 |
| Broccoli | AGR032 |
| Kolhrabi | AGR033 |

Anness IV: GAEC and SMR's

| SMR / GAEC | Tipi ta' kontrolli | Miżura DP Rilevanti |
|---|---|---|
| GAEC01 - Maintenance of permanent grassland based on a ratio of permanent grassland in relation to agricultural area at national, regional, sub-regional, group-of-holdings or holding level in comparison to the reference year 2018.Maximum decrease of 5% compared to the reference year. | On-the-spot control | ES6, |
| GAEC02 - Protection of wetland and peatland | On-the-spot control | |
| GAEC03 - Ban on burning arable stubble, except for plant health reasons | On-the-spot control | ES3, ES1, ES2, ES4, ES5 |
| GAEC04 - Establishment of buffer strips along water courses | On-the-spot control | ES1 |
| GAEC05 - Tillage management, reducing the risk of soil degradation and erosion, including consideration of the slope gradient | On-the-spot control | ES3, ES1, ES2, ES4, ES5 |
| GAEC06 - Minimum soil cover to avoid bare soil in periods that are most sensitive | Remote Sensing, On-the-spot control | ES3, ES1, ES6, ES2, ES4 |
| GAEC07 - Crop rotation in arable land, except for crops growing under water | On-the-spot control | ES3, ES1, ES2, |
| GAEC08 - Minimum share of agricultural area devoted to non-productive areas or features.Minimum share of at least 4% of arable land at farm level devoted to non-productive areas and features, including land lying fallow. Where a farmer commits to devote at least 7% of his/her arable land to non-productive areas and features, including land lying fallow, under an enhanced eco-scheme in accordance with Article 28(5a), the share to be attributed to compliance with this GAEC shall be limited to 3%.Minimum share of at least 7% of arable land at farm level if this includes also catch crops or nitrogen fixing crops, cultivated without the use of plant protection products, of which 3% shall be land lying fallow or non-productive features. Member States should use the weighting factor of 0,3 for catch crops.Retention of landscape features.Ban on | On-the-spot control | ES3, ES1, ES2, ES5 |

| | | |
|---|---|---|
| cutting hedges and trees during the bird breeding and rearing season.As an option, measures for avoiding invasive plant species | | |
| GAEC09 - Ban on converting or ploughing permanent grassland designated as environmentally-sensitive permanent grasslands in Natural 2000 sites | On-the-spot control | |
| SMR01 - Directive 2000/60/EC of 23 October 2000 of the European Parliament and of the Council establishing a framework for Community action in the field of water policy: Article 11(3), point (e), and point (h), as regards mandatory requirements to control diffuse sources of pollution by phosphates | On-the-spot control | ES3, ES1, ES2, ES4, ES5 |
| SMR02 - Council Directive 91/676/EEC of 12 December 1991 concerning the protection of waters against pollution caused by nitrates from agricultural sources: Articles 4 and 5 | On-the-spot control | ES3, ES1, ES6, ES2, ES5 |
| SMR03 - Directive 2009/147/EC of the European Parliament and of the Council of 30 November 2009 on the conservation of wild birds: Article 3(1), Article 3(2), point (b), Article 4(1), (2) and (4) | On-the-spot control | ES3, ES1 |
| SMR04 - Council Directive 92/43/EEC of 21 May 1992 on the conservation of natural habitats and of wild flora and fauna: Article 6(1) and (2) | On-the-spot control | ES3, ES1 |
| SMR05 - Regulation (EC) No 178/2002 of the European Parliament and of the Council of 28 January 2002 laying down the general principles and requirements of food law, laying down procedures in matters of food safety: Articles 14 and 15, Article 17(1) and Articles 18, 19 and 20 | On-the-spot control | ES3, ES2, ES1,ES6, |
| SMR06 - Council Directive 96/22/EC of 29 April 1996 concerning the prohibition on the use in stockfarming of certain substances having a hormonal or thyrostatic action and beta-agonists, and repealing Directives 81/602/EEC, 88/146/EEC and 88/299/EEC: Article 3, points (a), (b), (d) and (e), and Articles 4, 5 and 7 | On-the-spot control | ES3, ES1 |
| SMR07 - Regulation (EC) No 1107/2009 of the European Parliament and of the Council of 21 October 2009 concerning the placing of plant protection products on the market and repealing Council Directives 79/117/EEC and 91/414/EEC: Article 55, first and second sentence | On-the-spot control | ES2,ES3, ES1, ES6, ES5 |
| SMR08 - Directive 2009/128/EC of the European Parliament and of the Council of 21 October 2009 establishing a framework for Community action to achieve the sustainable use of pesticides: Article 5(2) and Article 8(1) to (5); Article 12 with regard to restrictions on the use of pesticides in protected areas defined on the basis of Directive 2000/60/EC and Natura 2000 legislation; Article 13(1) and (3) on handling and storage of pesticides and disposal of remnants | On-the-spot control | ES2, ES3, ES1, ES6, ES5 |

| | | |
|---|---|---|
| SMR09 - Council Directive 2008/119/EC of 18 December 2008 laying down minimum standards for the protection of calves: Articles 3 and 4 | On-the-spot control | |
| SMR10 - Council Directive 2008/120/EC of 18 December 2008 laying down minimum standards for the protection of pigs: Articles 3 and 4 | On-the-spot control | |
| SMR11 - Council Directive 98/58/EC of 20 July 1998 concerning the protection of animals kept for farming purposes: Article 4 | On-the-spot control | |

Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

**t**: +356 2292 6148
**e**: arpa.mafa@gov.mt **w**: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**